TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/249/16/S

*Joseph Busuttil*
*vs.*
*Servgroup Limited*

Illum 1 ta'Frar,2018.

It-Tribunal:

Ra t-talba ta' Joseph Busuttil ippreżentata fit-23 ta' Diċembru 2016 u r-risposta ta' Servgroup Ltd ippreżentata fid-9 ta' Frar 2017;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2017.

Ikkunsidra:

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100.00) *stante* ħġieġa fissa fuq in-naħa ta' ġewwa ta' *double glazing* li żviluppat qasma (*crack*) meta skont ftehim bejn il-partijiet u skont il-garanzija relattiva, din kellha garanzija ta' ħmistax (15)-il sena.

Illi fir-Risposta, is-socjeta intimata eċċepiet in linea preliminari li l-kumpannija ma kinitx tagħti garanziji ta' iktar minn sentejn u l-garanzija ta' ħmistax-il sena kienet toħroġ minn ktejjeb ta' kumpannija oħra ("*Dolcetti*"). Inoltre, fl-istess ktejjeb kien hemm imsemmija garanzija ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar u mhux ħmistax-il sena. Il-kumpannija eċċepiet ukoll li r-rikorrenti ma kienx eliġibbli għall-garanzija li kienet tinsab fil-ktejjeb tal-kumpannija "*Dolcetti*".

Illi fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2017 xehed ir-rikorrent Joseph Busuttil. Huwa kkonferma d-dokumenti annessi mat-Talba tiegħu bil-ġurament u żied li l-qasma hija fuq ġewwa tal-ħġieġa u ma tinħassx minn barra. Inoltre, huwa xehed li meta ċempel lis-soċjetà

intimata u nforma lil ċertu "Ray" bis-sitwazzjoni, dan qallu li l-qasma kienet riżultat ta' *thermal shock*. Busuttil xehed ukoll li xi żmien qabel, huwa kien bidel l-aperturi kollha tad-dar tiegħu fejn nefaq ħamsa u tletin elf Ewro(€35,000).

Illi x-xhud Robert Cassar, prodott mir-rikorrent, xehed li l-ktejjeb ġie mogħti lilu u lil Busuttil meta kienu qed jingħataw il-*quote* u l-kontenut tiegħu rigward garanzija ta' ħmistax-il sena qatt ma ġie kontradett mis-soċjetà intimata. Cassar xehed ukoll li Kevin Cuschieri (*Sales Manager* tas-soċjetà intimata) kien infurmahom li l-garanzija kienet ta' ħmistax-il sena.

Illi fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2017, xehed Mark Vassallo, direttur tas-soċjetà intimata. Huwa xehed li l-ħġieġa in kwistjoni kienet ilha installata tlett snin u ma kinitx difettuża għax difett kien ikun jidher mal-ewwel. Vassallo żied jixhed li biex tinkiser, ħġieġa trid titkisser u ma tiddeċidix hi li tinkiser. Għalhekk, skont Vassallo, ma kienx il-każ li s-soċjetà intimata issupplixxiet ħġieġa difettuża li bdiet tidher fiha l-qasma tlett snin wara. Vassallo xehed ukoll li huma ma rawx il-qasma u ħadd mis-soċjetà intimata ma kien mar jaraha. In kontro-eżami, Vassallo xehed li f'erbgħa u tletin (34) sena ta' esperjenza fil-qasam, qatt ma kellu każ ta' ħġieġa mhux imwaħħla sewwa li tinkiser spontanjament wara tlett snin.

Illi huwa nnutat li għalkemm fir-Risposta, is-soċjetà intimata ċaħdet li hija qatt offriet xi garanzija ta' ħmistax-il sena, ma tressqu ebda provi fuq dan il-punt, bħal per eżempju deskrizzjoni tal-garanzija offruta meta wieħed jixtri s-servizzi u merkanzija relatati mal-installazzjoni ta' *double glazing*. Is-soċjetà intimata naqset ukoll li tispjega għala fil-fehma tagħha r-rikorrent ma kienx eliġibbli għal garanzija ta' ħmistax-il sena.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, huwa kontradittorju li min-naħa waħda s-soċjetà intimata tgħid li hija ma toffrix garanziji ta' ħmistax-il sena u min-naħa l-oħra tgħid li r-rikorrent mhux

eliġibbli għal tali garanzija. Jekk is-soċjetà intimata verament temmen li r-rikorrent mhux eliġibbli għal tali garanzija, isegwi loġikament li hija toffri din it-tip ta' garanzija imma għal xi raġuni, ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi, ir-rikorrent jikkwalifika għaliha.

Illi t-Tribunal isibha diffiċli jifhem kif id-direttur tas-soċjetà intimata Mark Vassallo xehed li ma rawx il-qasma fil-ħġieġa u li ħġieġa ma setgħetx tinkiser spontanjament. Ir-rikorrent Busuttil xehed inkontradett li meta kien ċempel lis-soċjetà intimata, ċertu persuna jismu "Ray" donnu seta' jagħmel dijanjożi remota tas-sitwazzjoni u jikkonkludi li dan kien riżultat ta' *thermal shock*. Madankollu, it-Tribunal jinnota li ħadd mill-partijiet ma spjega x'inhu *thermal shock* jew ressaq provi rigward xi *thermal shock*.

Illi r-rikorrent ma spjegax kif ikkonkluda li kellu jieħu s-somma ta' elf u mitt Ewro (€1,100) mis-soċjetà intimata u lanqas ressaq xi provi dwar il-valur tal-ħġieġa relattiva. L-*invoice proforma* annessa mat-Talba hija sempliċi *quotation* u mhux riċevuta li tikkostitwixxi prova ta' ħlasijiet. Inoltre, din l-istess *invoice* hija għal somma ta' iktar minn għaxart elef Ewro u imkien m'hemm indikat liema servizzi jew merkanzija għandhom x'jaqsmu magħha. Għalhekk, it-Tribunal ma jistax iqis din l-*invoice* bħala prova li tissostanzja t-talba tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent assolutament naqas li jġib prova tal-eżistenza tal-qasma permezz ta' ritratt. L-unika referenza għall-eżistenza saret fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2017 meta Busuttil wera (mhux taħt ġurament għax ma kienx qed jixhed) li filwaqt li fil-passat, il-qasma kienet ta' madwar sitt pulzieri, kienet saret waħda ta' madwar pied u nofs. Għal darb'oħra, it-Tribunal josserva li jekk il-qasma teżisti, huwa messu ġab prova fotografika li kien ikun diffiċli li wieħed jattakka. Ir-rikorrent ċertament kellu kull opportunità li jippreżenta din il-prova iżda naqas li jagħmel dan.

Illi *se mai*, ir-rikorrent messu pprova jistabbilixxi l-valur tal-ħġieġa relattiva jew għall-inqas spjega kif wasal għall-ammont in kwistjoni. Fin-nuqqas ta' dan, il-fatti emerġenti mill-assjem tal-provi ma jqiegħdux lit-Tribunal f'pożizzjoni li jiddetermina l-valur tal-ħġieġa.

Illi f'dan ir-rigward, huwa nnutat li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega. Fid-dawl ta' dan, ma jidhirx li r-rikorrent irnexxielu jġib provi sodisfaċenti li huwa għandu jieħu s-somma ta' elf u mitt Ewro (€1,100) mis-soċjetà intimata.

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent Joseph Busuttil b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru